nu magħduda li m'humiex tajbin iżjed, huma sewwewhom u ġabuhom ġodda.

F'idejhom għandhom ħafna xogħol li dalwaqt jispiċċawh. Terġa' ta' sikwit iġibulhom ħwejjeġ bil-gzuz biex isewwuhom. Iżda ma jittarrfux iżommuhom, billi, tista' tgħid, għoddu spiċċa ż-żmien tal-permess li tawhom. Fuq hekk talbu lill-Gvernatur li jtawlilhom il-qagħda tagħhom hawn għal xahar ieħor jew iżjed, kif jogħġob lilu, billi dil-ħaġa hi ta' bosta ġid għan-nies tal-Gżira, fil-waqt li huma mhejjija li jġibu xi Malti biex jagħmel tajjeb għalihom, kemm-il-darba jidhirlu li jinħtieġ li jsir hekk.

Il-Gvernatur tahom, fl-24 ta' Mejju, ix-xahar li talbu.

Għall-miġja ta' dawn il-kaldarana barranin fi Gżiritna, u l-qagħda tagħhom hawn, l-Konslu tal-kaldarana Maltin, li fiż-żmien li qed insemmu (1809) kien Ċikku Schembri, għamel petizzjoni lill-Gvernatur f'ismu u f'isem sħabu tas-sengħa tiegħu. Fiha qal li f'Malta, bejn imgħallmin u lavranti, jinsabu 24 kaldarana barranin. Dawn ħadu l-ftit xogħol li hawn, u b'hekk qed itellfu l-ħobż lill-Maltin. Iżda, għalkemm iż-żmien li ngħata lilhom mill-Gvernatur, biex jistgħu joqogħdu hawn, ilu li spiċċa minn xi jiem (Schembri ma kienx jaf bix-xahar ieħor li tawhom), dawn baqgħu f'Malta, jieħdu x-xogħol tal-Maltin. Għalhekk talbu biex jieħu ħsieb tal-ħsara li qed issir.

Il-Qorti, wara talba mill-Gvernatur, biex tagħtih tagħrif dwar din it-tilwima, qablet, fid-9 ta' Ġunju, 1809, li t-talba tal-kaldarana Maltin tiġi mismugħa u milqugħa, billi, l-imsemmija kaldarana Sqallin, kellhom jitilqu minn hawn, malli jispiċċa ż-żmien mogħti lilhom, kif hekk sar wara bl-ordni tal-Gvernatur.

Għalkemm il-"Għaqda" tal-Ħaddieda, eċċ., bħalma għarafna, kellha l-Artal tagħha f'Ta' Ġieżu, u fiha kienet tiġbor in-nies ta' dawn is-snajja' tal-Belt, Bormla, l-Isla u l-Birgu, b'danakollu magħha jagħmlu wkoll dawk ta' l-irħula li kienu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Kistlanija. Iżda, biex niftiehmu aħjar, ikollna mmorru daqsxejn lura. Fil-bidu li Malta għaddiet f'idejn l-Ordni, Gżiritna ġiet maqsuma f'żewġ Taqsimiet. In-naħa tal-Lvant bdiet tagħmel sehem mal-Qorti tal-Kistlanija tal-Birgu, u wara tal-Belt. L-oħra tal-Punent baqgħet ma' dik ta' l-Imdina. Mela, f'Malta, kellna żewġ Qrati, bis-setgħat kollha tagħhom, magħduda wkoll il-mewt. Fi żmien l-Ingliżi baqgħu hekk ukoll għal xi snin. Minn dan naraw il-għala xi wħud mill-



irħula kienu jagħmlu mal-Qorti tal-Belt, u mhux ma' dik ta' l-Imdina.

Fl-1811 insibu li wieħed minn raħal ried isir ħaddied. Fuq hekk, eżaminah il-Konslu Pawlu Borg, bin Baskal, mill-Belt. It-tagħrif lill-Qorti tal-Kistlanija, dwar dak li tħajjar biex isir Imgħallem, għamlu l-Logutenent tal-Qrendi.

L-imsemmi Borg sar Konslu tal-Ħaddieda minn sħabu flok Ġanpatist Muscat, f'laqgħa li saret fil-25 ta' Ġunju, 1811, fil-Knisja ta' Ġieżu, quddiem l-Altar tal-Protettur tagħhom, San Eliġju, Isqof. U mill-Gvernatur twettaq fit-3 ta' Lulju.

Mons. Mifsud igħid (Archivum Melitense, vol. III, p. 42) li dawn in-nies tas-Snajja' baqgħu, sa l-1835-40, jagħżlu l-Konslijiet tagħhom.

*(Jissokta)*

---

## LIL OMMI B'QIMA

*(F'għeluq il-Ħames Sena minn mewtha)*

*Ta'* MARIO AGIUS

Bħal-lum fil-għodu
Ħames snin ilu
Fis-skiet ta' darna
Bla wisq batejt:
Sew sew f'nofs siegħa
B'talb u ħars kiebi
F'did-dinja lilna
Bla ridt ħallejt!

Qatt, qatt, ma ninsa
Kif waqt li jiena
U oħti ħdejja
Konna nkellmuk:
Inti f'idejna
Intlaqt għal kollox
X'ħin lejn is-sodda
Ġejna noħduk!

Għalik bi ħlewwa
U b'qima kbira
Maħbuba ommi:
It-talb li ħiereġ
Flimkien ma' bewsa
Il-lum minn fommi!

Villa Lija, 31. VIII. 54.